**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 55

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-11.30 ta' filgħodu onlajn.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv
Dorianne Bonniċi Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

55.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 54

55.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erba' u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

55.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

55.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tal-erba' u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-laqgħa li saret milux mar-rappreżentanti tal-għaqdiet li jorganizzaw il-Festa tas-Salvatur. Huwa qal kif għal din il-laqgħa l-għaqdiet kienu kollha preżenti ħlief għall-għaqda tan-Nar li kienet skużata. Kien preżenti ukoll il-Kappillan. Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil dwar kif ser tiġi organizzata l-Festa u l-attivitajiet kollha fil-lokalita. Waqt din il-laqgħa s-Sindku qal kif huwa ħabbar ukoll li ser ikun hemm xi fondi biex jitħallas is-Servizz tal-Gwardjan tal-komunita għal żmien il-Festa. Dawn huma fondi bi ftehim bejn il-Gvern Ċentrali u l-AKL. Il-Fondi ser jiġu amministrati fuq it-talbiet tal-Kunsili Lokali flimkien mar-Reġjuni.

55.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-Festa titulari f'Ġieħ Kristu Salvatur. Huwa spjega kif għal waqt il-Festa l-ġbir tal-iskart, l-immaniġjar tat-traffiku, tindif fil-latrini u tindif ġenerali ieħor ta' wara l-Festa, ser isir kollox bħas-sena l-oħra. L-amministrazzjoni ser tibda tipprepara xi affarijiet dwar dan u l-quddiem ser titqassam lil kunsilliera ċirkulari rigward din it-tħejjija u din l-istess lista ta' preparamenti ser tiġi mtela u approvatha fis-seduta li jmiss ta' Lulju 2023.

55.3.3 Is-Sur Dalli ta aġġornament dwar ix-xogħol tal-pavimentar li qed issir fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa spjega kif ix-xogħol mixi b'ritmu tajjeb skond il-pjan u r-riżultat aħħari huwa tajjeb. Issa huwa flimkien mal-kuntrattur ser jiltaqgħu mal-perit biex kemm jista jkun ikun hemm l-ordni u l-indata għal waqt il-ġranet tal-Festa. Dan il-proġett suppost għandu jitlesta kollu lejn nofs Awwissu, qabel il-vaganzi, diment li ma jinqala xejn.

55.3.4 Is-Sindku qal kif ix-xogħol ta' restawr fuq il-funtana li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, beda wkoll u mixi sew.

55.3.5 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-proġett ta' xogħlijiet li bħalissa għaddej fi Sqaq il-Kunċizzjoni. Dan il-proġett jinvolvi fi tibdil ta' main ġdid minn WSC u ser jingħata wiċċ ġdid ukoll fl-isqaq. Ix-Xogħol mixi ukoll f'dan l-isqaq u jekk dejjem ma jinqalawx problemi dan il-proġett għandu jkun lest xi ġimgħatejn oħra.

55.3.6 Is-Sindku qal li ġie kkuntatjat mir-rappreżentanti tal-Junior Science Club u qed jistaqsu lil Kunsill biex jerġa jissieħeb magħhom għal sena oħra f'din l-inizjattiva. Dan jfisser li l-Kunsill jerġa jħallas għall-ispejjeż tal-animator u jekk ikun hemm bżonn tas-supervision. Il-Kunsill kollu qabel li din l-inizjattiva għandha terġa ssir. Ukoll is-Sindku spjega kif qed tkellmu persuna oħra biex ġol-kunsill tagħmel xi art lessons lit-tfal. Huwa ser jara din il-persuna x'qed toffri u x'tixtieq tagħmel eżatti bħala ħin u dati u jekk filkas nimxu minn hemm. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni lanqas.

### 55.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

55.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

### 55.5 Korrispondenza

55.5.1 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia għamlet rimarka dwar korrispondenza numru 0258. Is-Sindku nfurmaha kif dik il-korrispondenza kienet titratta dwar imejl li huwa bgħat lil TM biex jikseb feedback dwar ċertu lmenti li kienu ntbgħatu sitt xhur ilu f'isem il-bdiewa li joperaw fl-inħawi ta' fejn iċ-ċimterju tal-Abbati, minħabba il-oneways. Is-

Sindku ser jiltaqgħu issa dalwaqt ma' TM fid-19 ta' Ġunju, biex jitħadded dwar dan u anke biex jitħadded dwar iz-zebra crossing fejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija.

55.5.2 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia xtaqet ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza numru 0275. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata kif dik kienet imejl mingħand residenta tilmenta dwar scooters li qed jitħallew fin-nofs u kif ukoll dwar oġġetti li huma bulk refuse li qed jinħarġu barra bl-addoċċ. Is-Sinjura Farrugia qalet li fejn toqgħod hi hemm scooter ukoll mitluqa. Il-Kunsill qed jieħu azzjoni dwar l-iscooters kollha mitluqa madwar ir-raħal u qed jinforma lil pulizija u LESA biex dawn jagħmlu r-rondi u jiġu mħarrka.

55.5.3 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 0279 bl-isem 'Ftehim bejn l-Aġenzija LESA u l-AKL – Servizz ta' Gwardjani Lokali. Is-Segretarju Eżekkutiv infurmatha kif dik hija l-iskema li diġà semma is-Sindku fil-komunikazzjoni tiegħu u ser issir diskussjoni wkoll dwar din l-iskema aktar il-quddiem fil-laqgħa, fil-lista ta' xogħlijiet oħra u lmenti.

## 55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport Finanzjarju Finali għas-sena 2022

55.6.1 B'relazzjoni mal-*audit* li riċentament sar għas-sena 2022, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, ir-Rapport Finanzjarju finali għal dik is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'permezz ta' imejl lis-Sindku u lil kunsilliera.

55.6.2 Is-Sindku għamel spjegazzjoni fil-qosor dwar il-kontenut u l-figuri ta' dan ir-rapport. Wara s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport diġa kien ġie ppreparat mill-accountant, pero dan ir-rapport kien għadu *unaudited* u mhux finali. Peress li l-awdituri rrakomandaw li jsiru xi aġġustamenti fuq l-*unaudited financial report* wara li sar il-fieldwork tal-audit, dan ir-rapport u l-kontenut kollu relatat miegħu għandu issa jerġa jiġi approvat bl-aġġustamenti li naturalment saru mill-accountant tal-kunsill fuq bażi ta' x'ġie rrakomandat mill-awdituri. Din hija parti mill-proċedura tal-*audit* li ssir għal kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil kunsilliera li jekk għandhom xi mistoqsijiet dwar dan ir-rapport hija ser tieħu nota tagħhom u tgħaddihom għall-attenzjoni tal-accountant. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

55.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv umbgħad kompliet tispjega kif l-awdituri għandhom bżonn 8 kopji ta' dan ir-rapport ffirmat u appena dan jiġi approvat ser jintbgħat minnufih lil Grant Thorton ħalli b'hekk umbgħad l-istadju li jmiss ikun li tinħareġ il-*managementt letter* fejn il-kunsill irid iwieġeb għaliha.

55.6.4 Il-Kunsill approva unanimament r-rapport finanzjarju finali fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia.

## 55.7 Aġġornament – Sejħa ġdida ta' impjieg għal Skrivan fuq bażi F/T

55.7.1 Is-Sinjorina Borg tat aġġornament lis-Sindku u lill-Kunsilliera dwar l-istadju ta' proċess li wasal fih il-kunsill rigward is-sejħa ta' impjieg miftuħa għal skrivan fuq bażi F/T.

55.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret kif fil-25 ta' Mejju saru l-interviews lil dawk il-kandidati li huma rreġistrati ma' Jobsplus, skond l-ewwel lista li rċieva l-kunsill u li urew l-interess tagħhom u applikaw għal din is-sejħa. B'kollox kien hemm tlett applikanti li rreġistraw u preżenti għall-interviews mill-Kunsill bħala bord kien hemm is-Sindku Anthony Dalli, il-Kunsillier Calcedonio Cini, il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg.

55.7.3 Irriżulta li mit-tlett kandidati li applikaw, ħadd minnhom ma laħaq ir-rekwiżiti tal-Kunsill u għalhekk il-kunsill reġgħa għamel kuntatt ma' Jobsplus, fejn l-entita ġiet nfurmatha b'dan. Issa Jobsplus bagħtet lista oħra ta' kandidati li qed jirreġistraw għall-impjieg u li jistgħu jkunu nteressati japplikaw. Skond din it-tieni lista l-kandidati kellhom ċans japplikaw, kemm il-darba interessati, sat-Tnejn 12 ta' Ġunju 2023. Is-Sinjorina Borg infurmat lis-Sindku u lil Kunsilliera li ħadd ma applika.

55.7.4 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid ukoll kif din is-sejħa bħalissa qed tidher anke fil-Gazzetta tal-Gvern u ndividwi jistgħu japplikaw permezz tal-avviż li sar f'din il-gazzetta sad-19 ta Ġunju 2023. Kemm il-darba jibqa ma japplika ħadd, il-kunsill ser jibqa jxandar dan l-avviż fuq l-midja soċjali u mezzi oħra mal-pubbliku.

55.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ser iżżomm lil Kunsill aġġornat. Is-Sindku u l-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni. Il-Viċi Sindku Daniel Mallia qal li kemm il-darba l-kunsill jixtieq huwa jista jirriklama din is-sejħa mal-kumpanija fejn

jaħdem. Ħadd mill-Kunsilliera ma sab oġġezzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tibgħatlu l-avviż ta' din is-sejħa biex ikun jista jirriklamah.

## 55.8 Aġġornament tal-preparazzjonijiet għal Jum Ħal Lija 2023

55.8.1 Is-Sindku ta aġġornament dwar Jum Ħal Lija u tkellem dwar l-preparazzjonijiet li ħafna minnhom diġà ġew issuġġeriti u diskussjoni dwarhom tqajmet fis-seduta preċedenti. L-amministrazzjoni għaddeja bi ħidma kontinwa biex kollox jitwettaq kif pjanat.

55.8.2 Is-Sur Dalli spjega kif il-preparamenti biex issir il-quddies kollox hemm lest u l-kunsill issa qiegħed fil-proċess li jagħmel kuntatt mal-familji ta' dawk il-Kunsilliera li huma neqsin ħalli jattendu għal quddiesa wkoll.

55.8.3 Dwar l-attivita tal-BBQ li ser issir it-Tnejn fi 3 ta' Lulju, il-kunsill għadu qed jikkonsulta mal-caterer. Din l-attivita hija konfermata li ser issir fil-Ministeru tal-Inklużjoni fi Triq Sir Ugo Mifsud għaliex ittalba tal-Kunsill ġiet milqugħa. Kull ma hemm bżonn li l-kunsill jipprovdi xi ftit flood lights waqt l-attivita u hawnhekk is-Sindku rringrazzja lil Ministru li għoġoba tislef lil kunsill il-propjeta tal-uffiċċju tagħha. Minn naħa l-oħra s-Sur Dalli reġgħa fakkar kif fi Villa Francia ma ġietx milqugħa it-talba tal-Kunsill biex issir l-attivita tal-Mużiko Letterarja, fl-ebda data mgħottija mill-Kunsill, minħabba mpenji u attivitajiet oħra li diġà hemm fil-Villa.

55.8.4 L-attivita kulturali fil-Birgu li ser issir it-Tlieta 4 ta' Lulju, bħala progress mixja tajba ħafna. Sar kuntatt mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u s-Sindku tal-Birgu lest li jospitana fil-lokalita tiegħu u kif ukoll jgħin fl-organizzazzjoni ta' din il-ħarġa. Kien ta' għajnuna ħafna għaliex anke dderiġa lil kunsill lil min għandu jkellem biex issir żjara fil-Palazz tal-Inkwiżitur.

55.8.5 Il-Preparamenti dwar l-attivita li ser issir fis-6 ta' Lulju għaddejjin b'ritmu tajjeb ma' kulħadd u għal din l-attivita anke kkonfermat l-attendenza tagħha diġà, is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Cvili. Il-Kunsilliera ġew nfurmati ukoll kif kemm il-Pulizija u anke l-uffiċċjali tal-komunita ġew ordnati u konfermati għal Jum Ħal Lija għal waqt is-serata Mużiko Letterarja li ser issir fis- 6 ta' Lulju 2023. Is-Sindku żied jgħid hawnhekk biss li hemm bżonn jinkera xi ħadd li jieħu ħsieb jieħu video tal-attivita biex jinżamm tifkira u l-possibilta li jinkrew xi żewġ floodlights biex ikun hemm aktar dawl kif jidlam. Apparti minn hekk jeħtieġ li jintbagħat avviż lir-residenti li joqgħdu fil-Pjazza u l-ewwel parti ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni biex ma jipparkjawx il-karozzi għal dakinhar u anke jrid jiġi ppublikat l-avviż ta' no parking fil-Gazzetta tal-Gvern. Anke ser tkun qed issir imejl lis-Supretendent tal-Pulizija biex ikun infurmat b'din l-attivita li ser ikun qed itella l-kunsill. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni biex isiru dawn l-affarijiet.

55.8.6 Is-Sur Dalli qal li umbgħad fis-7 ta'Lulju ser tkun qed issir Sports Evening fil-grawnd ta' Lija/ Balzan. Huwa talab lis-Sur Daniel Mallia, li ser ikun qed jagħti sehmu fit-tħejjija ta' din l-attivita biex jiko-ordina dak kollu li hemm bżonn jsir mas-Sur Samuel Cutajar. Is-Sur Mallia ser jieħu ħsieb jitħadded mas-Sur Cutajar. Għal din l-attivita ser jiġu ordnati ukoll medalji biex jingħataw lit-tfal li jipparteċipaw, bil-logo tal-Kunsll fuq quddiem u fuq wara bil-logo tar-Reġjun tal-Isports.

55.8.7 Is-Sindku spjega kif il-Kunsill iltaqgħa wkoll ma' persuna li ser tieħu ħsieb tlesti l-flyer bl-attivitajiet kollha, l-inviti u anke l-posts fuq il-FB. Ser titella kwotazzjoni ta' dan is-servizz għall-approvazzjoni aktar il-quddiem fis-seduta.

55.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sinjorina Borg, flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Is-Sinjura Bonniċi Bondin, ressqu xi kwotazzjonijiet li ntalbu u li qed jirċievu nkonnessjoni ma' Jum Ħal Lija. Fost il-kwotazzjonijiet li tressqu kien hemm kwotazzjoni ta' kiri u placement tas-siġġijiet u żewġ kwotazzjonijiet ta' PA Sound System. Dawn il-kwotazzjonijiet ġew diskussi u approvati. L-amministrazzjoni ser tkompli ġġib aktar kwotazzjonijiet kif meħtieġ u kif dejjem sar, ser tingħtażel l-aktar kwotazzjoni vantaġġuża. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan u approvaw li jsir hekk għal kull servizz.

## 55.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

55.9.1.1 <u>CIR AKL 2023/045 – LESA fondi għall-infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari mibgħuta mill-AKL. Din iċ-ċirkulari titratta dwar ftehim ta' kollaborazzjoni ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Aġenzija LESA fit-12 ta' Mejju 2023, fejn l-Aġenzija ser tkun qed tgħaddi lill-Assoċjazzjoni €600,000 fuq perjodu ta' sentejn sabiex dan ikun ta' għajnuna finanzjarja għar-Reġjuni, Kunsilli Lokali, NGOs u għaqdiet volontarji oħrajn. It-tali għajnuna ser tingħata f'forma ta' servizzi tal-Aġenzija, tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili.

55.9.1.2 Ġie spjegat li hemm proċedura li wieħed irid jimxi magħha meta tkun ser issir applikazzjoni għal servizz mill-Aġenzija LESA, il-korp tal-Pulizija u tal-Protezzjni Ċivili. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

55.9.2.1 <u>Estenzjoni – Kuntratt tal-manutenzzjoni u żbir fil-ġonna u playingfields</u>
Il-Kunsill ġie nfurmat li peress li l-evalwazzjoni biex jinħater kuntrattur ġdid li jieħu ħsieb l-iżbir tal-ġonna u l-ħaxix fir-raħal għadha għaddejja, ser ikollha issir estenzjoni mal-kuntrattur preċedenti li għandu l-kunsill bħalissa. Dan għaliex nkella l-kunsill jispiċċa mingħajr servizz għal ċertu perjodu.

55.9.2.2 Il-Kunsill kollu unanimament qabel li għandu jsir hekk u l-Kunsill qabel li għandha issir estenzjoni sal-aħħar ta' Awwissu u l-Kuntrattur l-ġdid jibda jopera umbgħad mill-bidu ta' Settembru.

55.9.3.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rapport ta' Evalwazzjoni tad-dokument tat-tender tat-tindif tal-Latrini</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill rapport tat-tieni evalwazzjoni li qed terġa issir rigward it-tender tat-tindif tal-latrini pubbliċi. Kopja tar-rapport intbgħat lil kunsilliera minn qabel il-laqgħa. Finalment l-offerti kollha ġew evalwati u ġie kkumpilat ir-rapport fuq bażi tal-evalwazzjoni li saret.

55.9.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat fakkret kif dan it-tender kellu jerġa jiġi evalwat għat-tieni darba bi evalwaturi differenti fuq struzzjoni tad-dipartiment tal-kuntratti wara li kien sar appell minn wieħed mill-economic operators. B'kollox kien hemm erba offerti u l-bord tal-evalwaturi, qed jissuġġerrixi li t-tender tingħata lil Joseph Farrugia. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kemm il-darba l-kunsill jaqbel ma' dan ir-rapport, dan ir-rapport ikun jista jiġi mtela fuq is-sistema u titkompla l-proċedura.

55.9.3.3 Il-Kunsilliera unanimament kollha qablu mal-kontenut tar-rapport fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien is-sekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

55.9.4.1 <u>Servizz ta' uffiċċjal tal-Komunita F'Jum il-Missier 18 ta' Ġunju 2023</u>
Ġie ssuġġeriet biex f'Jum il-Missier fit-18 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill iqabbad gwardjan biex joqgħod stazzjonat fejn iċ-ċimeterju ta' Ħal Lija minħabba safety u jgħin lin-nies jaqsmu t-triq, peress li din hija ġurnata fejn ammont kbir ta nies ser jifrekwentaw iċ-ċimiterju.

55.9.4.2 F'din it-triq għadt hemm problema kbira biex wieħed jaqsam b'mod sigur għaċ-ċimiterju u ħafna nies għadhom jilmentaw dwar din il-problema. Filfatt is-Sindku reġgħa avviċina ukoll lil TM biex tittieħed azzjoni qabel ma jsir xi aċċident. Allura sakemm tittieħed azzjoni ġusta s-Sindku tal-parir li f'okkażżjoni bħal din tajjeb ikun hemm gwardjan josserva s-safety u jwaqqaf il-karozzi biex jaqsmu n-nies mit-8:00am sas 13:00pm. Qabel ma jiġi bbukjat l-gwardjan il-ħin tal-ftuħ taċ-ċimiterju ser jiġi kkonfermat mal-persuna li jieħu ħsieb iċ-ċimiterju.

55.9.4.3 Il-Kunsilliera unanimament qali dwar dan.

55.9.5.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Fitness Classes</u>
Is-Sindku flimkien mas-Sinjorina Borg u s-Sinjura Bonniċi Bondin, infurmaw lil Kunsilliera dwar il-possibilta li jibdew issiru xi ftit fitness classes f'Ħal Lija u l-ispejjeż jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun. Il-Kunsill riċenti ltaqgħa ma' persuna li lesta tofri dawn il-classes.

55.9.5.2 Il-Kunsill qed jistenna stima għal dawn il-classes mill-persuna u kif ukoll li tikkonfermalna dwar fejn ser isiru eżatt il-classes, meta jistgħu jibdew u x'ħin ġewwa Ħal Lija biex jekk filkas kemm il-darba hemm qbil mill-kunsill dwar din l-informazzjoni ikun jista jsir avviż dwar dawn il-classes biex min huwa interessat jibbukkja. Din il-persuna kellha tmur tiċċekkja l-ġnien tal-Mirakli biex tara jekk mhux ideali li jsiru hemm u jekk filkas tibgħatilna stima u kemm għandhom iħallsu n-nies biex jattendu.

55.9.5.3 Il-Kunsilliera qablu li jsiru l-classes. Aktar dettalji ser jintbgħatu lil kunsilliera appena jintbgħatu mill-persuna nkarigatha.

55.9.6.1 <u>Talba water catchment fi Triq il-Kunċizzjoni</u>

Tressqet talba minn resident biex jiġi mplementat water catchment f'parti minn Triq il-Kunċizzjoni, għaliex minn meta sar it-tamac minn Enemalta qed jingħad li dan il-water catchment ingħaqad bi biċċa pajp tal-flixkun bejn pajp u ieħor u issa l-ilma mhux jidħollu kif suppost. Is-Sindku tkellem aktar fid-dettal dwar din it-talba u qal li l-ewwel din it-talba ser tiġi mgħoddija għall-attenzjoni tal-Enemalta forsi il-catchment isir minn naħa tagħhom. Kemm il-darba Enemalta tirrifjuta dan il-catchment ser ikollu jsir għall-ispejjeż tal-Kunsill.

55.9.6.2 Il-Kunsillera qablu u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

55.9.7.1 <u>Talba għall-bankina fi Triq Preziosi</u>

Tressqet talba biex tiġi mplementatha biċċa bankina żgħira fi Triq Preziosi, ftit l-isfel minn Villa Francia. Is-Sindku tkellem aktar fid-dettal dwar din it-talba.

55.9.7.2 Is-Sindku qal kif dwar din it-talba ser ikellem lil Perit tal-Kunsill biex jiġi on-site u biex il-Kunsill jimxi fuq il-parir professjonali tiegħu.

55.9.7.3 Il-Kunsill kollu qabel li għandha tiġi mplementatha din il-bankina.

55.9.8.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-preparazzjoni ta' flyers, inviti u maniġġjar tal-paġna tal FB għal Jum Ħal Lija</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand persuna li ser tiġi nkarigatha mill-Kunsill biex tieħu ħsieb tipprepara l-flyers tal-attivitajiet, l-inviti u kif ukoll biex timmaniġġja l-posts fuq il-paġna ta' FB tal-Kunsill inkonessjoni ma' Jum Ħal Lija.

55.9.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fil-qosor qrat l-kwotazzjoni ta' din il-persuna li dwarha kien hemm approvazzjoni unanima mill-membri tal-Kunsill kollha.

## 55.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

55.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 06/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €89.23 għax-xahar ta' Mejju.

55.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 06/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 55.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

55.11.1.1 <u>PA 00973/23 Proposal of for a new bulk, LPG storage facility – Lija Residence Complex, 29, Triq Robert Mifsud Bonniċi, Lija</u>

Dwar dan il-permess tkellem is-Sindku, fejn għamel referenza għall-istqarrija li huwa kien diġà għamel b'imejl lil Kunsilliera kollha fit-2 ta' Ġunju 2023. Huwa qara din l-istqarrija li kopja tagħha qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

55.11.1.2 Wara li qara l-istqarrija li huwa kien diġà għamel, is-Sur Dalli qal li l-kunsill irċieva ukoll ittra mingħand is-Sidien bl-avukat u din l-ittra ntbagħtet lil avukat tal-Kunsill u anke lil Avukat Bonello biex jarawha. Il-Kunsill ser iwieġeb lura għal din l-ittra bl-avukat ukoll u din ir-risposta filfatt qiegħda tiġi ppreparatha mill-avukat. Kopja tal-ittra li bgħatu s-Sidien ser tintbagħat ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Is-Sindku spjega kif hemm xi allegazzjonijiet f'din l-ittra li mhux verita.

55.11.1.3 Mill-website tal-awtorita tal-Ippjanar il-Kunsill kiseb rapport fejn hemm il-kummenti tar-regolatur fejn dan qed jirrikjedi li jsiru ċertu affarijiet u filfatt din hija xi ħaġa li qed jaraw l-avukati biex jikkonfermaw li s-sidien huma inregola. Apparti minn hekk jidher li dan ir-rapport għandu data tad-29 ta' Novembru 2022 u li ġie sottomess mal-Planning Authority fil- 5 ta' Ottubru u għalhekk is-Sindku staqsa kif dan baqa ma ngħatax lilu mis-sidien meta talabhom kopja tiegħu. Dan ifisser li s-sidien sfortunatament ma kienux onesti dejjem u ma mexewx mar-rieda tajba li kellu l-kunsill għaliex l-kunsill prova javviċinahom u jagħmel diskussjoni.

55.11.1.4 Is-Sindku sostna kif huwa bħala rappreżentant tal-kunsill bilfors kellu jieħu l-azzjoni li ħa għaliex avviċinawh ħafna residenti u għalliema li riedu jkunu jafu l-kunsill x'inhi l-pożoizzjoni tiegħu u x'azzjoni ser jieħu dwar din l-applikazzjoni. Is-Sur Dalli qal li apparti li avviċinawh diversi nies bl-ilmenti u l-preokkupazzjonijiet tagħhom, spiċċa anke kellu jagħmel xi rapporti mal-Pulizija fuq xi nies li telgħu xi kummenti u affarijiet fuq FB kontra l-kunsill u b'mod speċjali kontrih bħala Sindku, li ma kienux ġusti. Ukoll is-Sur Dalli qal li ser jagħmel rapport ieħor dwar persuna oħra li apparti qalet ċertu affarijiet din anke akkużat kemm lis-Sindku u kif ukoll lil Viċi Sindku li rreaġixxew b'ċertu mod għaliex għandhom gwadann personali u li l-kunsill qed ibeża lill-pubbliku għalxejn, li dan assolutament mhux il-każ. Il-Kunsill qiegħed hemm bħala l-vuċi tar-residenti u għalhekk ttieħdet ċertu azzjoni għaliex talbuha r-residenti. Il-Kunsill ma jistax jiġi mhedded jew joqgħod beżan milli jagħmel xogħlu kif suppost għaliex għalhekk qiegħed hemm u biex jieħu ħsieb is-sigurta tan-nies.

55.11.1.5 Is-Sindku qal li jekk hemm xi kunsilliera li għandhom xi kummenti oħra tista issir diskussjoni. Il-Kunsillier Calcedonio Cini esprima ruħu fejn qal li huwa jaqbel mal-kummenti kollha u l-istqarrija li għamel is-Sindku. Huwa qal li kieku ġew provduti ċertu dokumenti mis-Sidien dan l-inkwiet kollu kien jiġi evitat.

55.11.1.6 Is-Sinjura Lorraine Farrugia tal-parir li jitqabbad enġinier personali mill-Kunsill biex jara li l-affarijiet qiegħdin sew għax enġinier jifhem. Is-Sur Dalli qal kif huwa bħala sindku tal-lokal talab biex is-sidien ituh kopja tad-dokumenti u r-rapporti kollha imma s-sidien ma taw xejn minn dan lil kunsill u ma kkoperawx. Il-Kunsill diġà qabbad avukat li tifhem fl-ambjent u qed teżamina l-affarijiet hi, issa jekk tagħti suġġeriment lil Kunsill biex jitqabbad enġinier, jitqabbad wieħed fuq il-parir tagħha.

55.11.1.7 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia ukoll qabel mal-istqarrija tas-Sindku u l-azzjoni li s'issa ħa l-kunsill li kienet azzjoni fi dmir tal-kunsill li tittieħed biex ikun hemm serħan fuq is-sigurta tar-residenti kollha. Il-Kunsill fl-ebda ħin ma tkellem dwar xi ħaġa li mhux miktuba fl-applikazzjoni, il-kunsill dejjem mexxa fuq il-kontenut u t-titolu ta' kif inħarġet l-applikazzjoni, u mhux il-kunsill ivvintaha l-kelma LPG bulk storage facility.

55.11.1.8 Il-Kunsillier Zahra qal kif fl-opinjoni tiegħu kellu jsir aktar studju qabel ma ttieħdet ċertu deċiżjoni u azzjoni. Huwa tal-parir li apparti l-kunsill mexa biss mal-parir tal-avukati, kellu ukoll iqabbad enġinier biex jeżamina l-każ. Is-Sur Zahra għamila ċara li huwa mhux kontra l-azzjoni li kellu jieħu l-kunsill la kienet mitluba min-nies, però fl-opinjoni tiegħu eskalat ħafna u l-iżball sar mill-perit tas-sidien li daħħal l-applikazzjoni b'isem ħażin. Is-Sindku wieġbu kif filfatt il-Planning Authority jaf tgħid li din l-applikazzjoni ma ddaħlitx sewwa u kif suppost.

55.11.1.9 Wara d-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-kunsill ser jibqa jimxi mal-parir professjonali ta' azzjoni li qed jingħata mill-avukati u fl-20 ta' Ġunju ser ikun hemm online hearing tal-Planning Authority fuq il-każ, li s-Sindku ser ikun preżenti għaliha flimkien mal-konsulenti kollha. Ser jibqa isir kull ma hemm bżonn u jingħata dejjem feedback ta' xi jkun qed issir.

55.11.2 <u>PA 03143/23 To demolish existing premises and construct semi baseent garages, a maisonette, three overlying apartments and a penthouse – 9/11 Triq Mikielanġ Borg, Lija</u>
Ġie ssuġġeriet mit-Townplanner li tidaħħal ittra ta' rappreżentazzjoni fuq din l-applikazzjoni. Din l-ittra ta' rapreżetazzjoni ġiet ipprepartha skond il-kummenti professjonali tat-town planner tal-kunsill. Kopja ta' din l-ittra intbgħatet bl-imejl lil kunsilliera qabel is-seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kemm il-darba l-kunsill kollu jaqbel li din l-ittra ta' rappreżentazzjoni tiġi sottemmsa mal-Planning Authority kif ingħata l-parir li jagħmel mit-town planner, hija ser tmexxi. Il-Kunsill unanimament approva li din l-ittra ssir.

55.11.3 <u>PC 0023/23 Proposed shifting of alignment on Triq Pawlu Galea</u>
Ġie ssuġġeriet mit-Townplanner li tidaħħal ittra ta' rappreżentazzjoni fuq din l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kemm il-darba l-kunsill kollu jaqbel li din l-ittra ta' rappreżentazzjoni tiġi sottemmsa mal-Planning Authority kif ingħata l-parir li jagħmel mit-town planner, hija ser tmexxi. Il-Kunsill unanimament approva li din l-ittra ssir.

## 55.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

55.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

55.12.2 Il-Kunsillier Ċini qal li fi Triq N.Cottoner fejn telgħet blokka ġdida riċenti, kien hemm xi darba hand rail u qed jitlob biex dan jerġa jitweħħel għax avviċinawh xi residenti biex jerġa jsir. Is-Sindku u l-kumplament tal-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni dwar dan.

55.12.3 Il-Kunsillier Ċini qal kif fi Triq Enejja kantuniera ma’ Triq il-Kbira qed jipparkjaw xi karozzi u jagħlqu l-aċċess għal Triq Enejja u din il-kwistjoni qed toħloq inkonvenjent għal min ikun irrid jgħaddi mit-triq u għandu xi garaxx għax ma jkunx jista joħroġ u jdaħħal l-karozza. Huwa qed jitlob biex forsi issir Keep Clear. Is-Sindku u l-kumplament tal-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni dwar dan.

55.12.4 Is-Sur Ċini staqsa jekk għal żmien il-Festa t-Torri jkunx jista jinxtgħel nofsu aħmar u nofsu blu bil-kuluri ta’ Ħal Lija. Is-Sindku wieġbu kif meta ġili sar hekk fil-passat kienu inqalaw ħafna kummenti. Apparti minn hekk meta t-Torri jinxtgħel eżempju Roża għal pink October dik hija xi ħaġa nazzjonali li jagħmlu ħafna dipartimenti fejn diversi monumenti jinxtgħelu roża bħala sapport. Fi żmien il-festa t-Torri ideali li jkun warm white għax hekk xieraq.

55.12.5 Is-Sur Ċini għamel rimarka dwar ħafna ħaxix ħażin li tielgħa f’diversi sqaqien biex dan jitneħħa. Is-Sindku wieġeb kif il-ħaxix ħażin qed jitla madwar it-toroq tar-raħal kollha u l-kunsill diġà beda jiġri wara l-kuntrattur biex dan jitneħħa u hekk ser ikompli jagħmel. Filfatt hawnhekk is-Sindku qal kif il-ħaxix tela ħafna wkoll għaliex sfortunatament ma kienux qed issiru ċertu spezzjonijiet mill-contracts manager fuq il-kuntrattur kif suppost.

55.12.6 Inkonessjoni ma’ punt 55.12.5, is-Sindku kompla jgħid filfatt kif il-contracts manager, wara ttra li intbgħatet lilu kif ġie deċiż fl-aħħar seduta, fejn intalab biex jirregola ruħu u jagħmel aktar spezzjonijiet għaliex dawn mhux issiru, il-contracts manager talab biex jiġi xolt mill-Kuntratt li għandu mal-kunsill u li suppost jiskadi fl-aħħar tas-sena 2023. Il-Contracts manager talab li jiġi xolt sal-aħħar ta’ Mejju 2023. Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir hekk u peress li bil-liġi kull kunsill irid ikollu Contracts manager, is-Sindku ser jieħu ħsieb jiġri wara l-kuntratturi hu fl-assenza tal-contracts manager u sakemm jinħareġ kuntratt ieħor. Is-Sur Dalli ma jsibx oġġezzjoni li jagħmel ċertu spezzjonijiet fir-raħal u jiġri wara l-kuntratturi biex jagħmlu xogħolhom kif suppost. Dawn l-ispezzjonijiet huwa minn dejjem kien jagħmilhom anke meta l-kunsill kellu l-contracts manager.

55.12.7 Is-Sinjura Lorraine Farrugia tkellmet dwar Triq il-Kbira u kif qed għadha qed tisma ħafna lmenti dwar l-culvert li sar minn meta t-triq ingħatat it-tarmac u l-istorbju li jagħmel meta jgħaddu l-karozzi minn fuqu. Is-Sindku minnufih infurmaha kif bħal ma diġà kulħadd jaf, dak il-culvert għamlitu IM u huwa responsabbiltà tagħha li tirranġah għaliex ma sarx sew mill-ewwel kif suppost. Il-Kunsill kemm il-darba kiteb u ċempel lil IM dwar il-culvert u s-Sur Dalli qal kif huwa kemm il-darba ukoll iltaqgħa mal-perit inkarigat fuq il-post. Il-Kunsill ser jerġa għal darboħra jikteb lil IM u jekk jibqa ma jsir xejn is-Sindku qal li jekk filkas ser ikellem lil xi ħadd f’pożizzjoni aktar għolja la IM mhux tagħti każ.

55.12.8 Il-Ħin kien 13:00pm x’ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta’ Lulju 2023 u kien hemm qbil b’mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 19 ta’ Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |